MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 617/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Helen Grima (K.I. 380087M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sebghin ewro tlieta u sittin centezmu (€277.63) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz ta' kommunikazzjoni numru 79693609 numru tal-kont A/C40196991, mogħtija mis-socjeta' attrici u dan skont kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mmarkati A u B u kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali mibghuta ai termini ta' l-artikolu 166A tal-kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 19 ta' Lulju 2013 li ggib in-numru 1651/13 (kopja

annessa u mmarkata Dok D) u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Dehret il-kovenuta li ammettiet il-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici fl-ammont ta  277.63 pero' talbet illi thallas permezz ta  rati mensili f'ammonti ta' 15 fix-xahar  (ara x-xhieda taghha  a folio 11 tal-process).

Ra il-verbal tat-30 ta' Ottubru 2013 fejn ir-rapprezentant tas-socjeta attrici ma opponix ghall-pagamenti rateali u ntalab li t-talba tmur ghas-sentenza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is -somma ta' mitejn u sebgha u sebghin ewro u tlieta u sittin centezmu (€277.63) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut f'pagamenti mensili ta' hmistax-il ewro (€15) fix-xahar sakemm jinqata' l-ammont totali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------